# Il-Bukketti Madwar il-Vara ta' San Nikola

Jikteb Nikol Vella

Il-bniedem, fil-ħajja tiegħu, dejjem ikollu xi okkażjoni ta' gratitudni lejn xi ħadd u dan ħafna drabi jagħmlu billi joffri l-fjuri. Il-Knisja wkoll, fl-okkażjonijiet li jkollha ta' ferħ jew niket, tuża l-fjuri biex turi rispett u qima.

L-erba' bukketti tal-ganutell ta' madwar il-vara ta' San Nikola, il-Patrun tagħna, iżżanżnu fis-sena 1951, meta l-festa kienet ġiet trasferita minn Diċembru għal Ġunju. Dik is-sena saru wkoll l-erba' gastri tal-fidda li fihom tqiegħdu dawn il-bukketti.

**Il-bukketti nħadmu minn Salvu Balzan (*Ta' Ġożwè*), mis-Siġġiewi.**

Il-bukketti huma għoljin 24 pulzier u wisgħin 7 pulzieri. Kull bukkett għandu **155 fjura** u **7 blanzuni**, li jagħmlu **37 bukkett żgħir** ta' erba' fjuri bil-blanzun.

**Il-155 fjura** huma mqassmin hekk:

- **20 fjura** lewn id-deheb, iffurmati minn 95 petala u 66 werqa,
- **15-il fjura** lewn il-fidda, iffurmati minn 216-il petala u 125 werqa, 33 werqa tal-karta lewn il-fidda, 35 werqa tal-kartun bil-ħajt, 235 werqa tad-drapp, 241 petala tal-ħajt għall-werqa,
- **56 fjura** tal-ħajt mibrum mal-wajer; iffurmati minn 563 petala u **3 blanzuni** tal-ħajt,
- **59 fjura** tal-molla, iffurmati minn 516-il petala u **2 blanzuni** tal-molla,
- **5 fjuri** tax-xinilja bi 52 petala; **2 blanzuni** u 32 petala għall-werqa.



Għal dawn is-37 bukkett żgħir kien ittawwal iz-zokk bil-fildiferru, wara ddawwar bid-drapp, u wara bil-karti tal-kulur aħdar. Meta kien jiġi biex jummuntahom, Salvu jibda minn fuq bil-ġilju, idawwar ma' l-*anima* tal-ħadid, jorbot bil-flask tax-xkejjer u meta jagħti d-dawra kien idawwar bil-kurdiċella tad-drapp aħdar, billi jdur dejjem fuq il-lemin, b'hekk il-bukkett kien fih ħames saffi ta' fjuri u jagħlaq minn kollox.

Din is-sena dawn il-bukketti ħadu xejra oħtar għax sew l-Arċipriet kif ukoll is-sagristan dejjem xtaqu li jirranġawhom; għalhekk jiena żarmajthom u bnejthom mill-ġdid biex b'hekk issa ġew miftuħin u jidhru aħjar.

Ta' min jgħid ukoll li dan huwa t-tielet sett ta' bukketti ta' madwar il-vara. L-ewwel sett, li hu tad-drapp, għadu jintrama mal-vara meta matul is-sena tkun fin-niċċa; waqt li t-tieni sett li hu tal-karta għadu jintrama fuq l-erba' bibien li hemm fil-kappelluni (2 tas-sagristija u 2 tal-kampnari).